# L-aħħar jiem tas-sajf f'Bingħisa

F'dar imwarrba qalb ir-raba' ftit bgħid mill-qala daħkanijja ta' Birżebbuġa, ġejt ingħaddi l-aħħar ġmiegħ tas-sajf u nistejqer minn marda twila, li għadni ma ħlistx minnha għal kollox. Il-bidla ta' l-għaliq tad-dar mal-beraħ xemxi tar-raba' u tal-baħar malajr ħassejtha twetini u taħjini. Diebet minnufih minn fuqi dik id-dieqa, dik it-telqa ta' ruħ, li kienu jagħfsuni b'toqolhom kollu, u għajnejja reġgħu infetħu għad-dawl u qalbi reġgħet tberrħet għall-ħajja u ma' ġismi kollu u ma' ruħi kollha ħassejt tiġri u tmewweġ fawra ta' qawwa ġdida, ta' ħajja ġdida.

Madwari kollox iħennini. Dar imdaqqsa fit-tifsil u fit-taqsim tagħha, dejjem imxemmxa, dejjem imdella u dejjem imrewwħa b'żiffa bierda, imdawwra bir-raba' u bit-triq li tieħu minn Kalafrana għaż-Żurrieq. Quddiemha, ġot-tramuntana, tinfirex medda kbira ta' raba' ħamri, li tilħaq sa truf il-Gudja, Ħal-Għaxaq u ż-Żejtun. 'Lhawn u 'lhinn xi razzett u xi dwejra u ħafna siġar tal ħarrub fil-qrib iħaddru u fil-bgħid isewwdu bħal tbajja fuq il-lewn irmiedi tal-ħitan tas-sejjieħ. F'xifer il-medda, ma' xefaq is-sema jidhru l-knejjes tar-rħula l-Gudja, Ħal-Għaxaq u ż-Żejtun donnhom firsien rekbin iż-żwiemel. Birżebbuġa qiegħda fil-qrib bħal xbejba mixħuta f'xatt il-baħar titgħaxxaq b'dak il-ġmiel ta' qala. Ftit snin ilu kienet biss ftit idjar, mgħammrin aktarx fix-xhur sajfin; illum kibret, żdied ħafna bini ma' tul ix-xatt kollu u 'l ġewwa wkoll u saret qisha belt żgħira.

Jekk tikser ħarstek mit-tramuntana lejn il lvant, tara ftit 'l isfel minnek sarbut bini ġdid minn Wied il-Buni sa Kalafrana jibqa' sejjer sa tarf Wied ix-Xoqqa. Bini tal-Ingliżi tat-tajran tal-ajruplani; mħażen kbar, djar tal-fizzjali, djar tar-rjus kbar, djar għall-miżżewwġin, tarsna u bini ieħor, mifrud minn xulxin, għall-mâgni, għall għassa u xogħlijiet oħra. Min qaleb it-tletin sena għadu jiftakar dak ix-xatt għeri għal kollox mill-bini, miftuħ għall-għawm, u t-trunċiera qadima li madwarha kienu jinġemgħu għall-kenn u għad-dell dawk li jiġu jgħumu. Wara l-bini jidher il-baħar, medda twila u dejjqa, mġennba u magħluqa min-naħa l-oħra minn ilsien art li jiġri mill-Qajjenza u mill-Marnisi għal tas-Silġ u jasal sa ras Dellimara. Marsaxlokk moħbi wara l-qrajten ta' San Luċjan.

Lejn nofs in-nhar u l-punent tara biss tarf baħar u r-raba' tal-qrib u ftit fil-bgħid il-mitjar ta' Ħal-Far.

F'dan l-imkien ġejt ingħaddi l-aħħar ġmiegħ tas-sajf. Fil-għodu nbakkar u nitgħaxxaq bix-xemx tielgħa bħal ħuġġieġa nar minn ġol-baħar. Il-baħar qiegħed, qisu wiċċ irħam abjad xehbieni. Birżebbuġa għadha ħiemda, mxaħxħa f'nagħsa ħelwa. Imma l-bdiewa qamu u, bla ma jħabbtu rashom bil-ġimgħa ta' erbgħin siegħa

xogħol jew anqas, joħorġu għal xogħolhom ma' tlugħ ix-xemx u ma jinġabrux id-dar qabel inżulha. Ir-rġiel u ż-żgħażagħ għar-raba' bl-imagħżqa, bil-moħriet, bil-baqra, bil-bagħal; in-nisa b'fardal abjad fuq rashom lejn Birżebbuġa bil-mogħoż tal-ħalib u bi bxiekel frott u bajd; it-tfal għall-mergħa bil-merħla żgħira ta' nagħaġ u mogħoż. Kulħadd jaħdem u bix-xogħol u bil-ħasba u bil-ksiba qatt ma tonqos il-barka mid-djar.

Sa nofsinhar aktarx ingħaddih ħdejn bieb id-dar għad-dell u għar-rwieħ; daqqa naqra, daqqa nħares lejn l-ajruplani jżarżru fil-għoli jew jinżlu fil-baħar bħal tajr kbir nieżel għall-ħut, daqqa nittiffel mat-tfal u nitliegħeb magħhom.

Kull min igħaddi minn quddiemi jsellimli bi tbissima; xi whud jieqfu jkellmuni u jistaqsuni: "Kif int?" u jsemmuli fuq il-mard tagħhom, fuq id-duwa tagħhom, li t-tobba ma jafux biha, u fuq il-fejqan tagħhom. Lil kulħadd inwieġeb b'tislima oħra u bi tbissima oħra lil kulħadd inkellem bla tkabbir, qisni wieħed minnhom.

Wara l-mistrieħ ta' nofsinhar, xħin id-dell ikun mar minn quddiem id-dar, noħroġ fuq setaħ delli, li jħares ġol l-vant, u nibqa' hemm sa nżul ix-xemx. Il-baħar ikħal nir, u fih jiġġerrew, ħfief bħal friefet, qlugħ bojod jitbandlu maż-żiffa. Mat-triq ta' Ħal-Far u' ta' Bir-id-Deheb jiġru l-karrozzi u jġorru qtajja ta' nies għal Birżebbuġa. Ix-xatt jimtela bin-nies, jibda l-għawm l-għajjat, id-daħk, it-tbaħrit u sa ħdejja jasal id-diwi tal-għajjat ferrieħi tal-għawwiema.

Ma' nżul ix-xemx nerġa' għal ħdejn bieb id-dar. Il-ħaddiema jerġgħu mix-xogħol għajjenin, imma dejjem fuq ruħhom u dejjem henjin, u, mdawwrin minn marthom u minn uliedhom, jintasbu għall-ikla mbierka minn xogħol idejhom.

Madwari jroxx id-dlam u fix-xatt ta' Birżebbuġa jibdew ipetptu d-dwalijiet tad-djar u tat-toroq, u fit-triq ta' Bir-id-Deheb issarraġ id-dija tal-karozzi. Bil-ftit il-ftit taqa' l-ħemda u la ħoss u la ħsisa. kulħadd rieqed; u f'dik il-ħemda lejlija l-mewġa ħafifa tar-riħ twassal sa hawnhekk id-daħk u l-għana ta' żgħażagħ ferrieħa jitnikkru fix-xtajta ta' Birżebbuġa u 'd-daqq tar-*radio*.

Ħafna ħbieb ġew iżuruni. Għalkemm il-*motor* ta' Kalafrana jwasslek sa tefgħa ta' ġebla bgħid mid-dar tiegħi, aktarx li kulħadd dam xi kwarta jimxi, jgħawweġ u jilwi minn triq għal oħra b'qatgħa klieb jinbħu għalih, sa ma wasal għandi. Ferħ kbir kienu għalija ż-żjajjar tal-ħbieb, u lilhom il-koll nizzi ħajr mhux biss tal-ġieħ u mħabba li wrewni, imma fuq kollox ta' kemm qawwewli qalbi u ta' kemm għaġġluli l-fejqan. Xi jumejn wara li ġejt hawn ġie jarani ħabib, li qiesu missieri fis-snin u fil-ġieħ, is-Sur Fons. Fraħna b'xulxin, tħadditna, dħakna. Quddiemu donni ħassejtni mfejjaq għal kollox mill-marda ta' sieqi. Rabbejt il-ħila

u qomt biex nimxi bla ma nitwieżen. Il-ħabib, b'idejh miftuħin u mimdudin lejja, igħidli: "Isa, waħdu, waħdu". U tlaqt l-ewwel pass, bħal tarbija għal ġo ħdan missierha. Kif kont sa naqbadlu idu, jerġa' lura u jiena mxejt pass ieħor.

U hekk imxejna xi għaxar passi, hu jerġa' lura b'idejh dejjem lejja u jien nimxi 'l quddiem lejh. Daħka ta' ferħ u ta' rebħ ħarġet minn qalbna t-tnejn. Imbagħad ġie ħabib ieħor, u ġie ieħor u ġew tlieta oħra, tnejn minnhom tobba. Riedu t-tobba jaraw kif nimxi u jien, li wara l-ewwel mixja rabbejt iżjed ħila, rġajt imxejt xi għaxar passi oħra. Kienet l ewwel darba, wara sitt xhur u nofs, li mxejt bla tweżin. U minn dak in-nhar 'il hawn bqajt dejjem nimxi ftit, ftit, u l-lum, għalkemm m'iniex tajjeb nett, inħossni wisq aħjar u nista' nilħaq dmirijieti kollha.

Xi drabi, l-aktar nhar ta' Ħadd, nagħmel xi taħdita mal-bdiewa ta' din in-naħa, li jiġu jqattgħu siegħa ħdejja. L-aħbarijiet tal-ħakma ta Hitler, il-ftehim u t-taħwid bejn in-nazzjonijet u mitt fettuqa oħra li kulljum jimlew gazzetti kbar daqs liżar u li bihom jixxiegħlu qatigħ nies, fit-taħdit tagħna qatt ma jidħlu. Għalina biżżejjed il-ħajja ta' madwarna: raba', xogħol, baħar, l-imgħoddi u l-lum, ta' qbilna li marru u ta' warajhom li ġew, fuqhom nitħaddtu, lilhom insemmu bla ma ndennsu qatt kliemna b'taqsis ħati jew bi tlablib fieragħ. Xi waqtijiet iduru madwari t-tfal. L-ewwel jieqfu ftit il-bgħid iħarsu lejja mgerrxin, imbagħad inkellimhom bi tbissima, insaqsihom x'jisimhom u ta' min huma; xħin jidrawni, jibdew jersqu ftit, ftit u fl-aħħar jinxeħtu bil-qiegħda ħdejja, u erħilhom iwerdnu, kulħadd irid igħid tiegħu. Min igħid kemm għandu wrieżaq, min igħidli li mar jistad bil-qasba u qabad burqax, żabrija u girwiela, wieħed igħidli kemm jaf igħum u ieħor jitlobni santa, kulħadd igħid, kulħadd igħajjat u jien b'kelma, b'ħarsa, b'daħka, b'taħrika ta' rasi ma' kulħadd nilħaq f'daqqa. Kemm hi sabiħa t-tfulija bla tehmim, bla qerq, bla ħażen!

U hawn b'dil-ħajja nħossni fl-akbar hena.

Bgħid mit-tlellix fieragħ, mit-taħbit bla hedu, mill-ħsejjes tarraxa tal-ħajja tal-ibliet; bgħid mit-tmeriħ bla rażna, mit-tisfiq ta' wiċċ li niġġes u kerraħ l-isbaħ xtajtiet ta' artna; bgħid mill-mibegħda, mill-qerq, mill-għira, mill-għelt li jsemmem ħafna qlub; waħdi, qalb ftit bdiewa twajba, mbegħdin huma wkoll mit-taħsir tad-dinja, hawn, f'did-dar imwarrba, mhennija dejjem b'arja safja u b'ħajja safja, bejta ta' saħħa tal-ġisem imsieħba ma' hena tar-ruħ, daħlet f'ġismi dgħif is-saħħa u f'ruħi mitluqa l-hena.

18-9-34. P. P. SAYDON